MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 131/2008

**App. Nru. 131/08DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Martin Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Martin Cachia talli:

(1) nhar-il Hadd 23 ta' Jannar 2005 fuq il-Monti ta' San Gakbu, fil-Belt Valletta, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija jew, xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew

sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

(2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe` 1745 compact discs konsistenti f’DVDs, Playstation software u CDs tal-muzika;

(3) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghal qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha u cioe` 1745 compact discs konsistenti f’DVds, Playstation software u CDs tal-muzika;

(4) b’hekk sar recidiv a terminu ta’ l-artikoli 49 *et sequitur* tal-Kodici Kriminal b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 16 ta’ Ottubru 2001, 3 ta’ Frar 2003 u 3 ta’ Ottubru 2003 liema sentenzai saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, thassar il-licenzja jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien fid-diskrezzjoni taghha, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 31 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-pierni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet finalment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imsemmi Martin Cachia ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew epriti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ April 2008 li permezz

taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Martin Cachia hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 49, 50, 298(1)(a)(f) u 298B tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' ghaxart elef euro (€10,000), u ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni ta' l-oggetti kollha esebiti. Inoltre a tenur ta' l-artikolu 31 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tieghu tal-kummerc ghal perijodu ta' xahar mid-data tas-sentenza, filwaqt illi a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' erba' mija u tmiennja u tmenin euro (€488) spejjez inkorsi fil-hatra ta' perit;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Martin Cachia pprezentat fit-13 ta' Mejju 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata, u minflok tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni skorretta tal-ligi meta sabitu hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet peress illi hemm nieqes element essenzjali, dak li l-materjal ikollu "marki, ismijiet, sinjali jew emblemi li jkunu gew iffalsifikati, mibdula jew imxebbha b'qerq". L-ewwel Qorti stess fil-fatt qalet li fuq l-oggetti elevati ma kien hemm "ebda tikketta jew marka ohra li biha wiehed seta' jinduna bil-kontenut tad-*diskette*"; (2) l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta jew applikazzjoni hazina tal-ligi meta sabitu hati tat-tielet imputazzjoni peress illi ma saret ebda prova illi l-kwerelanti kienu proprjetarju tad-drittijiet ta' l-awtur tax-xoghol tal-mohh li kien riprodott, u l-kwerela hija mehtiega *ad validitatem* sabiex jissussisti r-reat taht l-artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dott. Patrick Galea esebixxa kwerela u numru ta prokuri izda minn imkien ma jirrizulta li s-socjetajiet esterji huma l-proprjetarji tad-drittijiet ta' awtur tal-materjal elevat.

Permezz ta’ l-ewwel aggravju tieghu l-appellant isostni illi ma kellux jinstab hati ta’ l-ewwel zewg imputazzjonijiet. Jghid illi minn qari tal-paragrafi (a) u (f) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 298 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa evidenti illi l-materjal li jkun qieghed allegatament xjentement jigi uzat, cirkolat, mibjugh jew mizmum, ghandu jkun materjal li fuqu jgib jew ikollu marki, ismijiet, sinjali jew emblemi li jkunu gew iffalsifikati, mibdula jew imxebbha b’qerq. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti stess fil-konsiderazzjonijet taghha qalet li fil-kaz odjern l-oggetti elevati ma kienu jgibu “ebda tikketta jew marka ohra li biha wiehed seta’ jinduna bil-kontenut tad-*diskette*”. Jigifieri, jargumenta l-appellant, l-ewwel Qorti sabet htija dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet minkejja l-fatt li, skond il-konsiderazzjonijiet taghha stess, mill-provi prodotti kien nieqes wiehed mill-elementi essenzjali tar-reat. L-appellant izid jghid illi hija gravuza wkoll il-konsiderazzjoni ta’ l-ewwel Qorti illi s-sejbien ta’ htija f’dan il-kaz kien jew seta’ jigi bbazat fuq il-fatt illi l-materjal elevat seta’ jkun ta’ kwalita` inferjuri, u dan ghaliex tali konsiderazzjoni ma zzid jew tnaqqas xejn mill-fatt illi jekk l-oggett ma jkunx igib xi marka, sinjal jew emblema li tkun giet ikkupjata jew iffalsifikata allura ma jkun sehh ebda ksur ta’ l-artikolu 298 tal-Kap. 9.

Kif indikat, l-appellant gie akkuzat bi ksur tal-paragrafi (a) u (f) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 298 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Jitqies hati ta’ reat skond dawn il-paragrafi kull min :

**“(a) jiffalsifika jew ibiddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrja, jew, xjentement, jaghmel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;**

**“(f) xjentement iqieghed fic-cirkolazzjoni, ibiegh jew izomm ghandu ghall-bejgh jew jimporta ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq;”**

L-ewwel nett jirrizulta mir-relazzjoni ta’ l-espert tekniku Martin Bajada li l-materjal kollu elevat minghand l-appellant huwa “*non-compliant*”. Issa, filwaqt illi fir-rigward tal-paragrafu (a) il-marki jew sinjali jridu jkunu “iffalsifikati jew imbiddlin”, fil-kaz tal-paragrafu (f) il-marki jew sinjali jew emblemi jridu jkunu “imxebbhin”. Issa, marka tista’ tkun “imbiddla” anke billi ma jkun hemm “ebda tikketta jew marka”. Mill-banda l-ohra, biex marka tkun “imxebbha” irid ikun hemm marka li tixbah, ossia li tidher li tkun qed tirrapprezenta dik originali.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-maggor parti tad-*diskettes* kellhom biss l-isem tal-kontenut ta’ dak id-*diskette* u ghalhekk bi ksur tal-paragrafu (a). pero` kien hemm numru ta’ DVDs, kif jirrizulta mir-relazzjoni ta’ l-espert tekniku (ara specifikatament a fol. 116) li kienu go *cases* u li kellhom anke *inlays* li kienu fotokopji. Jigifieri dawn il-prodotti partikolari kienu maghmulin b’xebh ma’ l-original. Ghalhekk dan kien bi ksur tal-paragrafu (f) hawn fuq citat.

Konsegwentement l-ewwel aggravju ta’ l-appellant qieghed jigi michud.

Permezz tat-tielet imputazzjoni l-appellant qieghed jigi akkuzat bi ksur ta’ l-artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Ligiiet ta’ Malta. Skond is-subartikolu (2) ta’ dak l-artikolu, procedimenti ma jistghux jittiehdu hlief bil-kwerela tal-parti offiza. F’dan il-kaz gew esebiti zewg kwereli, wahda tal-Forestals (Appliances) Ltd bhala prokuratrici specjali ta’ Sony Computer Entertainment Europe Ltd (ittra tat-23 ta’ Jannar 2005 Dok. 3 a fol. 20) u ohra ta’ l-Avukat Dottor Patrick Galea bhala prokuratur specjali ta’ diversi kumpaniji kif rizultanti minn ittra ohra datata 23 ta’ Jannar 2005 (a fol. 30 – 31A). L-appellant pero` jissottometti illi l-kwerelanti ma ressqu l-ebda prova li ghandhom *locus standi*. Kull ma sar huwa illi Dottor Patrick Galea kkonferma dawn il-kwereli u esebixxa numru ta’ prokuri mnejn jirrizulta li kien qieghed jagixxi f’isem is-socjetajiet rispettivi, izda ma ngabet l-ebda prova illi dawn is-socjetajiet huma verament il-proprjetarji tad-drittijiet ta’ l-awtur tal-materjal elevat mill-pussess ta’ l-appellant. L-

appellant irrefera ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' April 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Eugenio Frantz**. Din il-Qorti tqis opportun li ticcita *in extenso* minn dik is-sentenza :

**"Il-kwistjoni f'dan il-kaz kienet kif ser issir il-prova li l-kwerelanti, imsemmija fil-kwerela li tidher a fol. 14, kienu verament il-'copyright owners' tat-tletin videos misjuba ghand l-appellat Eugenio Frantz, videos li, kif iddikjara l-istess Frantz (ara l-verbal a fol. 19) kienu kopji maghmula bi ksur tal-ligi tal-'copyright' u bi ksur tad-drittijiet tas-sidien tal-istess 'copyright' (il-verbal, pero`, ma hux ammissjoni li l-kwerelanti kienu bhala fatt is-sidien ta' dak il-'copyright'). Fil-kwerela a fol. 14, li giet debitament konfermata mill-avukat Patrick Galea, ghalkemm hemm l-ismijiet ta' diversi kumpaniji esteri li jipproducu films, ma hemm ebda referenza ghall-ismijiet tal-films maqbuda mill-pulizija. Peress li l-proceduri taht l-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali jistghu jinbdew biss fuq il-kwerela 'tal-parti offiza', trid issir il-prova mhux biss li hemm kwerela maghmula minn xi hadd, izda li dak ix-xi hadd huwa fil-fatt il-parti offiza.**

**"F'dan il-kaz kien hemm mod semplici hafna kif setghet issir tali prova, u cioe` billi l-avukat Galea, bhala prokuratur specjali tal-kumpaniji esteri tal-films, jiddikjara bil-gurament, b'referenza ghal kull wiehed mill-films maqbuda, min kien jew kienu l-'copyright owner/s'. Tali prova kienet tkun prova *prima facie* ta' min ghandu d-drittijiet tal-awtur fir-rigward tal-film li jkun; u kien imbaghad jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li ma kienx minnu li l-kumpanija li kien qed jirrapresenta l-prokuratur specjali kellha dak il-'copyright'. Pero` f'dan il-kaz mhux hekk sar. Wara prokrastinazzjoni ta' xhur, l-imsemmi prokuratur specjali semplicement ezebixxa, fis-sens li qieghed quddiem l-ewwel qorti ghall-konsiderazzjoni taghha, diversi affidavits maghmula quddiem nutara pubblici fl-istat ta' California (fl-Istati Uniti) riferibbilment ghad-diversi films. Huwa veru li dawn l-affidavits huma ccertifikati, ghal dik li hi l-firma**

**tan-'notary public', b'certifikat mahrug mid-'Deputy County Clerk, County of Los Angeles', u kull affidavit ghandu wkoll l-*apostille* tad-'Deputy Secretary of State, State of California'. Pero` dawn id-dokumenti jibqghu, fin-natura taghhom, affidavits peress li n-nutar pubbliku fuq kull wiehed minn dawn id-dokumenti qieghed jagixxi semplicement ta' 'commissioner for oaths' u mhux bhala r-ricevitur jew l-ezekutur ta' att nutarili fil-veru sens tal-kelma; ghalhekk dawn id-dokumenti ma jikkwalifikawx bhala 'atti' jew 'registri' ta' nutara pubblici ta' pajjizi barranin fis-sens tal-Artikolu 630 tal-Kap. 12 (rez applikabbli ghall-proceduri kriminali bl-Artikolu 520(1)(b) tal-Kap. 9). Konsegwentement kienet korretta l-ewwel qorti meta skartat il-kontenut taghhom."**

Fil-kaz in ezami din il-Qorti osservat l-ewwelnett illi dwar il-kwerela tas-socjeta` Forestals (Appliances) Ltd. ma gie prodott hadd minn dik is-socjeta` biex jikkonferma li s-socjeta` Forestals (Appliances) Ltd. hi prokuratrici specjali tas-socjeta` Sony Computer Entertainment Europe Ltd. kif lanqas ma saret il-prova illi d-drittijiet ta' l-awtur tal-*playstation software* elevat huma ta' proprjeta` ta' dik is-socjeta`, cioe` Sony Computer Entertainment Europe Ltd.

Kwantu ghas-CDs ma hemm l-ebda kwerela.

Kwantu ghall-materjal l-iehor, Dott. Patrick Galea kkonferma l-kwerela relattiva (a fol. 30 – 31A) fejn jinghad: "The DVDs identified were clearly in violation of our clients' intellectual property rights." Izda din il-Qorti jkollha tistaqsi liem'huma dawn id-"DVDs identified", peress illi l-kwerelanti ma esebewx lista taghhom. Huwa veru li fir-relazzjoni tieghu l-espert tekniku ndika dawk li huwa jsejjah il-"publisher" ta'  numru zghir ta' DVDs. Pero` ma jindikax jekk dawn huma l-proprjetarji tad-drittijiet ta' l-awtur u fl-ebda kaz ma jindika l-isem tas-socjetajiet kif rizultanti mill-kwerela. Per ezempju jsemmi "Warner" izda mhux "Time Warner Entertainment Company, L.P."

Ghalhekk it-tieni aggravju ta' l-appellant qieghed jigi milqugh u, per konsegwenza, sejjer ikun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant Martin Cachia hati tat-tielet imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' ghaxart elef euro (€10,000) u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tmint elef euro (€8,000), u tikkonfermaha fil-bqija, b'dan illi l-perijodu ta' sospensjoni tal-licenzja tal-kummerc ta' l-appellant jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------